MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2010

Appell Civili Numru. 4/2010

**Francis Zammit**

**vs**

**Golden Harvest Mfg. Co. Ltd**

**Il-Qorti,**

Fit-13 ta’ Jannar, 2010, it-Tribunal Industrijali ppronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi:-

> “1. Introduzzjoni
>
> Dan il-kaz gie intavolat permezz ta' rikors maghmul mill-Avukat Owen Bonnici f’isem ir-rikorrent Francis Zammit fis-6 ta' Marzu 2009 fejn gie allegat illi fit-2 ta' Marzu 2009 dan gie licenzjat illegalment minn mas-socjeta` intimata Golden Harvest Mfg. Co Ltd. L-imsemmija socjeta`, li kienet rapprezentata mis-sur Mark Aquilina,

direttur, assistit mis-sur Alfred Mallia Milanes u l-Avukat Michael Psaila, innegat dan.

Inzammu ghaxar seduti.

A tenur ta' l-Artikolu 78(1) tal-Kap 452 irid jinghad li mihhabba nuqqas infrastrutturali li jrid ihabbat wiccu maghhom it-Tribunal u d-diversi differimenti li ntalbu ma kienx possibbli li l-kaz jinqata' fi zmien xahar kif preskritt mill-istess Kap.

2. Fatti tal-Kaz

Ir-rikorrent jallega li nhar it-2 ta' Marzu 2009 huwa kien aggredit minn wiehed mid-dirigenti tas-socjeta` intimata li wara qallu "itlaq" . Huwa kkunsidra dan bhala licenzjament u ghalhekk ma rrapurtax iktar ghax-xoghol. Is-socjeta` intimata tghid illi peress li r-rikorrent ma rrappurtax iktar ghax-xoghol kien qed jigi kkunsidrat li abbanduna l-post tax-xoghol tieghu. Dan kien konfermat lilu b'ittra mis-socjeta` fejn qaltlu li b'effett mid-9 ta' Marzu 2009 kien qed jigi kunsiderat li abbanduna l-post tax-xoghol.

3. Konsiderazzjonijiet

It-Tribunal kien affaccjat b'zewg interpretazzjonijiet tat-temm ta’ l-impjieg tar-rikorrent. Dana jghid li gie imkecci waqt li s-socjeta` tinnega dan u tghid bazikament li telaq minn jeddu. Fil-fatt it-Tribunal ma ra la ittra ta' rizenja u lanqas wahda ta' tkeccija. Il-pern tal-kaz jinstab fil-fatt illi wara li r-rikorrent kien allegatament aggredit minn wiehed mid-dirigenti tas-socjeta` intimata ntqal lilu biex jitlaq. Is-socjeta` tghid li l-kelma "itlaq" kienet tfisser li kellu jmur id-dar dak inhar biex jikkalma ftit mentri r-rikorrent interpretaha bhala tkeccija. Hija hasra li l-affarijiet ma gewx iccarati immedjatament wara ghax kieku ir-rikorrent li kellu '1 fuq minn erbghin sena servizz ma kienx jispicca kif fil-fatt spicca. It-Tribunal mhux se jidhol f’min

kellu l-obbligu li l-affarijiet jigu ccarati. Li ghandu quddiemu huwa fatt li r-rikorrent veru ma marx iktar ghax-xoghol u ghaddiet iktar minn gimgha qabel is-socjeta` ssollevat il-punt ta' l-abbandun tax-xoghol.

Jidher car mill-andament tal-kaz illi l-eccezzjoni ta' constructive dismissal ma gietx sollevata. Tant hu hekk illi s-smiegh sar bhal ma jsir issoltu f'kaz ta' tkeccija allegatament ingusta. Kif jidher mill-minuti ta' l-ewwel seduta gie miftiehem illi s-socjeta` ghandha tibda hi bil-provi taghha u mhux ir-rikorrent kif soltu jsir meta jkun hemm kaz ta' allegat constructive dismissal.

Ghaldaqstant it-Tribunal ma jistax jidhol fir-ragunijiet ghaliex ir-rikorrent irrifjuta li jerga' jidhol ghax-xoghol. Jidher b'mod l-izjed car illi la kien hemm rizenja da parti tar-rikorrent u lanqas tkeccija da parti tas-socjeta intimata. Kien hemm semplicement abbandun tal-post tax-xoghol da parti tar-rikorrent.

4. Decizjoni

It-Tribunal jiddecidi li r-rikorrent Francis Zammit ma kienx licenzjat minn mas-socjeta` intimata izda li kien huwa li abbanduna l-post tax-xoghol tieghu.

B'hekk jintemm dan il-kaz.

5. Drittijiet

Ai termini ta' l-Avviz Legali Numru 48 ta' l-1986 it-Tribunal jiffissa d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fl-ammont ta' €93.17 kull wiehed."

Minn din is-sentenza appella r-rikorrenti Francis Zammit biex jitlob ir-revoka taghha bl-aggravju koncepit f'dawn it-termini. It-Tribunal zbalja fil-mod kif ittratta l-kaz quddiemu ghaliex imkien fil-ligi ma kien hemm stabbilit illi

wiehed kellu bilfors u minn qabel jistrada l-kawza biex jigi determinat jekk kienetx tkeccija ingusta jew inkella *constructive dismissal*. Kien, anzi, jinkombi fuq it-Tribunal li jiggwida ruhu mill-provi u jasal ghad-determinazzjoni l-wahda jew l-ohra;

Konsiderat il-kaz fil-mertu tieghu din il-Qorti tistqarr illi d-decizjoni appellata tiddifetta sew minn attitudni zbaljata ta' kif kellu jkun imgharbel il-fattezzi partikolari tieghu. Ukoll l-istess sentenza hi vizzjata minn koncezzjoni errata tal-principju tad-dritt li kellu jirregola dan il-kaz. Dan anke fir-riflessjoni ta' l-aspett singolari wiehed in bazi ghall-konsiderazzjoni illi l-fatt li ma kienet tezisti ebda forma skritta ta' licenzjament jew ta' rizenja ma kellux jitraduci ruhu illi licenzjament ma kienx hemm. Wara kollox, il-ligi mkien ma ssemmi li jrid ikun hemm xi forma sagramentali ghal-licenzjament, ghaliex dan jista' jissucciedi anke minghajr preavviz u, allura, bizzejjed li l-volonta titwassal jew tigi komunikata b'mod verbali, purke cara, jew, altrimenti, assunta minn certa kondotta. Fic-cert, ma kellux jigi mit-Tribunal *sic et sempliciter* assenjat lill-appellanti xi volonta univoka illi huwa, bla gustifikazzjoni, abbanduna l-post tax-xoghol;

Sfortunatament ghall-appellanti l-obbjezzjoni gustifikata tieghu fil-kontestazzoni tad-decizjoni tat-Tribunal tarena ruhha fuq l-iskoll proceduralі tal-pregudizzjali sollevata mill-kontro-parti illi l-appell tieghu gie intavolat *fuori termine* iz-zmien utli ta' tnax-il gurnata ghall-proposizzjoni ta' l-appell. Ara Artikolu 82 (3) tal-Kapitolu 452. Fuq din l-eccezzjoni l-appellanti ma seta' joffri ebda rezistenza ghaliex hu apparenti illi bejn id-data tad-decizjoni tat-Tribunal (13 ta' Jannar, 2010) u d-data tal-prezentata ta' l-appell (1 ta' Frar, 2010) ghaddew aktar mit-tnax-il gurnata statutorjament prefiss;

Mhux il-kaz lanqas li din il-Qorti tiddilunga izzejjed fuq l-importanza ta' l-osservanza tat-termini fatali u ta' l-ottemperament *ad unguem* taghhom, anke ghaliex il-Qorti dan l-ezercizzju ghamlitu fi skorta ta' decizjonijiet. Proprju

sa recentement, ukoll fuq appell minn sentenza tat-Tribunal Industrijali, hi s-sentenza taghha fl-ismijiet "**Mirjana Kovecevic -vs- Myoka Management Ltd**", 12 ta' Frar, 2010, ghal liema konsiderandi fiha zvolti tibbasta s-semplici referenza.

Ghal motivi predetti u bl-akkoljiment tal-pregudizzjali tas-socjeta` appellata din il-Qorti ma ghandhiex ghazla hlief li tiddikjara l-appell irritu u null in kwantu prezentat *fuori termine.* L-ispejjez ikollhom ukoll, ghal din l-istess raguni, jitbatew mill-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------